MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 7/2009

Tarcisio u Grace konjugi Rapa.

vs

Xi Tabone

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti sabiex tħallas il-bilanċ ta' sitt elef ħames mija u tmien Ewro u sebgħa u għoxrin Ewro ċenteżmi (€ 6508.27) liema ammont kien parti minn ammont ikbar dovut fuq kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tas-16 ta' Lulju, 2003 liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u li l-konvenuta minkejja li ġiet interpellata diversi drabi ma ħallsitx.

Dan bl-ispejjeż inklużi dawn ta’ l-ittra uffiċjali numru 818/08 u bl-imgħax dekorribbli mid-data meta l-ammont mitlub sar dovut.

Il-konvenuta minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet illi:

1. Illi d-domandi attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex l-esponenti ma għandha tagħti u tħallas xejn lill-atturi, anke fid-dawl tal-kontro talba segwenti.
2. Għaldaqstant it-talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi.

3. Salvi eċċeżżjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, fejn talbet lill-atturi jgħidu għaliex, prevja d-dikjarazzjoni li intom tenuti tirriżarċixxi favur il-konvenuta d-danni illi hija sofriet per konsegwenza tal-fatt illi r-ristorant ‘Xi Restaurant’ Vjal it-Tmienja ta’ Settembru, Xagħra, Għawdex ma kellux l-aċċess tiegħu konformi mal-*guidelines* u regoli maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali dwar Persuna b’Diżabilita’, u b’hekk inqastu mill-obbligu illi tiggarantixxu l-pussess tal-istess immobbli mibjugħ minnkom; u prevja wkoll id-dikjarazzjoni illi dawn id-danni jikkonsistu fi spejjeż illi hija kellha tinkorri sabiex twettaq xogħlijiet li jipprovdu tali aċċess u kostruzzjoni ta’ *platform lift* għal dan l-iskop, ma għandkom tkunu kkundannati illi tirriżarċixxu lill-konvenuta Xi Tabone l-ispejjeż hekk inkorsi minnha fl-ammont ta’ sitt elef ħames mija u tmien euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€ 6508.27).

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-protest numru 37/2007 fl-ismijiet ‘Xi Tabone –vs- Tarcisio Rapa et’, kontra tagħkom u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa huwa inġunt.

Rat ir-risposta ta' l-atturi għal din il-kontro-talba fejn eċċepew illi:

1. Illi bir-rispett kollu l-kontro talba magħmula mill-konvenuta ma għandha x'taqsam xejn mat-talba ta' l-atturi u ma tissodisfax l-elementi meħtieġa biex din tkun tista' ssir u ċioe' 'la comunanza di origine delle due cause' u 'l'eleminazione reciproca delle due domande';

2. Illi allura galadarba ma hemm ebda fattur komuni bejn it-talba ta' l-atturi kid kontenuta fl-avviż promotorju u l-kontro talba tal-konvenuta, kif ukoll bl-ebda mod dak li qed titlob il-konvenuta ma jista' jwaqqa' dak li qed jitolbu l-atturi, allura huwa ovvju li din il-kontro talba ma tistax tissussisti u se mai għandhom ikunu mertu ta' kawża separata u distinta minn din tal-lum;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-remess, it-talbiet tal-kontro talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-atturi huma kompletament estranej għall-akkadut u għal dak reklamat u pretiż mill-konvenuta rikonvenzjonali u konsegwentement ebda ammont ma huwa dovut mill-atturi rikonvenuti.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta rikonvenjenti.

Rat il-verbal tagħha tal-21 ta' Mejju 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-attui għall-kontro-talba tal-konvenuta.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' dawn l-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom għall-kontro-talba tal-konvenuta, u li huma intimament konnessi, l-atturi qed jikkontendu illi din il-kontro-talba mhix ammissibbli peress illi ma tissodisfax l-elementi meħieġa biex din tkun tista' ssir.

Il-**Mortara** jiddefinixxi l-istitut tar-***rikonvenzjoni*** bħala:

"… *quella istanza che il convenuto propone contro l'attore, in occasione del giudizio da costui promosso, per ottenere*

*la condanna del medesimo ad una prestazione che il convenuto intende d'esigere a titolo di contropretesa*." [1]

Il-liġi tagħna tikkontempla r-rikonvenzjoni fl-artikolu 396 tal-Kap. 12 li jiddisponi:

"**Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:**

**(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba ta' l-attur, jew**

**(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."**

L-artikolu 397 imbagħad ikompli jispjega illi:

**"L-effett tal-kontro-talba, rigward il-proċedura, huwa dak li dwar it-talba oriġinali u l-kontro-talba jsir proċess wieħed u li ż-żewġ talbiet jiġu deċiżi fl-istess kawża."**

Hekk ukoll l-artikolu 400 jipprovdi:

**"Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalita' oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalita' oħra minn dik li fiha ikun deher fit-talba tiegħu."**

Għalkemm ma kien hemm ebda eċċezzjoni formali f'dan is-sens, l-atturi fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, jitfgħu dubbju fuq kemm tassew dan l-istitut tar-rikonvenzjoni jista' jintuża fi proċeduri sommarji bħal ma għandna fil-każ preżenti. Apparti l-fatt illi l-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni f'dan ir-rigward, u kif rajna tillimita ruħha li

[1] Manuale di Procedura Civile, 5a ed. Lib. 1 para. 194 .

tgħid biss "***fil-kawżi***", mill-ġurisprudenza nafu illi dan l-istitut huwa ammissibbli anke fi proċeduri sommarji. Infatti ngħataw diversi sentenzi fejn il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri laqgħet appuntu l-kontro-talba tal-konvenut fi proċeduri sommarji. [2]

Rigward imbagħad l-allegazzjoni illi jonqsu l-elementi meħtieġa sabiex issir kontro-talba bħal din, biżżejjed jingħad illi il-liġi fis-subinċiż (b) ta' l-artikolu 396 hawn fuq ċitat, kull ma tirrikjedi huwa li din l-kontro-talba jkollha li skop ta' tpaċija mal-kreditu pretiż mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġġib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li timpedixxi l-effetti tagħha. Fil-każ in eżami, l-atturi minn naħa qed jitolbu bilanċ ta' prezz ta' fond mibjugħ lill-konvenuta, u din minn naħa l-oħra qed tirrifjuta li tagħmel dan il-pagament għhax tippretendi illi għhandha tiġgi kompensata fl-istess ammont għhall-ispejjeż żejda li kellha tidħol fihom biex tirrendi dan il-post kompatibbli mal-liġijiet dwar l-aċċessibilita' ta' persuni b'diżabilita'. Din il-pretensjoni ta' kompensazzjoni da parti tal-konvenuta hija għalhekk biżżejjed, ġialadarba hija diretta kontra l-istess persuni li qed jitolbu l-ħlas mingħandha, biex waħedha tintitolaha tutilizża dan l-istitut tar-rikonvenzjoni fl-istess kawża, u għall-fini ta' din l-eċċezzjoni m'hemm allura l-ebda ħtieġa ta' xi indaġini ulterjui.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-atturi għall-kontro-talba tal-konvenuta, u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

---

[2] ara per ez. Appell Inferjuri (Għawdex) : Anthony Muscat vs Anthony Grech : 12.07.2007; ara wkoll Prim'Awla : Airmlata plc vs Lawrence Borg noe. : 30.06.2004 fejn intqal specifikament illi : "***l-jedd li titressaq talba rikonvenzjonali huwa mogħti lill-imħarrek mingħajr limitu dwar l-għamla ta' l-azzjoni li fih tista' ssir.***"

---------------------------------TMIEM---------------------------------